Id-Dilemma ta' Sara

Nora Macelli

(mill-ktieb "L-Irġiel tal-Garaxxijiet u Stejjer Oħra", 2006)

Hekk kif Sara lemħet il-linja twila ta' trakkijiet ħodor skuri tal-armata, fittxet għaġġlet il-pass.

Mimlija għaraq u mnixxfa bl-għatx kif kienet, iddeċidiet li tieqaf ftit mill-mixja u tistrieħ f'xi għalqa għad-dell u għall-kwiet. Ħarset lejn l-arloġġ. Kienet diġà mxiet sagħtejn bla waqfien. Semgħet l-istonku jgorr u f'ħakka t'għajn qabditha sfiċċa biex tiekol bezzun biż-żejt imqartas fil-fojl li kellha ppakkjat fil-barżakka.

Kienet għadha kif għaddiet mal-ġenb taċ-ċentru ta' detenzjoni tal-immigranti irregolari f'tarf ir-raħal. Skantat biha nnifisha meta, hi u miexja biswit il-ħajt imdawwar bil-fildiferru mxewwek, ma ħasset l-ebda kurżità li titlajja biex tħares 'il ġewwa. Pjuttost riedet tiżgiċċa minn hemm biex tgerrex l-istampi ta' diqa li diġà kellha f'moħħha u f'qalbha dwar iċ-ċirkustanzi li jwasslu għall-bżonn ta' postijiet bħal dak.

Kompliet tgħaġġel. Ħin minnhom lemħet trejqa fuq ix-xellug tagħha. *La m'hemmx tabella RTO nista' nidħol,* ħasbet. U dlonk ilwiet lejn il-mogħdija mħarbta. *Il-ħitan tas-sejjieħ huma fi stat tajjeb ħafna hawn. Min jaf il-għala? Li rajt matul il-mixja llum kienu pjuttost mikula biż-żmien jew vandalizzati u mġarrfa.* Sara kienet tinnota kollox hi u miexja fil-kumpanija ta' ħsibijietha li kienu jduru ma' moħħha daqslikieku kienu separati minnha. Kultant kienet taqbad lilha nnifisha tosserva ħsibijietha stess u dlonk tistaqsi – *Min qed jaħseb? Min qed josserva?*

Dlonk waslet f'għalqa mdaqqsa mimlija siġar u ħaxix twil selvaġġ. B'ġisimha u jdejha ferrqet il-ħaxix biex tasal ħdejn siġra xiħa tat-tin imwieżna mal-ħajt tas-sejjieħ fuq ix-xellug tagħha. Inħasdet u nġibdet lejn il-lemin hekk kif qatgħa xewk abjad niggżitilha ġenbejha. Iżda kif għaddiet minn taħt siġra taż-żnuber folta, l-art irtabet bil-gzuz ta' mselel niexfa li ħolqu saqqu artab madwar is-siġra. Ġabret ftit prinjoli niexfa u tefgħethom fil-barżakka. Biswit it-tina sabet siġra tar-rand miżgħuda b'boċċi rotob sofor li żejnu l-madwar. Qatgħet ftit weraq u poġġiethom fil-but ta' quddiem tal-barżakka. Fl-aħħar waslet taħt it-tina li kienet

miżrugħa f'livell ogħla mill-bqija tal-għalqa. Telgħet 'il fuq u ntasbet bilqiegħda għad-dell. Mill-ewwel ħasset fewġa arja friska tmellsilha ġisimha u tiffriskaha.

Fil-ħemda tal-post moħħha dlonk naqqas mill-ħsibijiet ivenvnu. Waqgħet fuqha kalma infinita. Imliet imnifsejha bir-riħa ħelwa tat-tina, għalqet għajnejha, serrħet daharha maz-zokk oħxon u bdiet tisma' u tagħraf kull ħoss madwarha u lil hinn mill-għalqa. Ħassitha mwaħħda man-natura ta' madwarha. Setgħet kienet qed tgħix fil-Medjuevu għax ma rat xejn li jfakkarha f'liema seklu kienet qed tgħix fih. Veru li fil-bogħod 'il bogħod setgħet tisma' l-ħoss monotonu tat-traffiku. Iżda dan kien imbiegħed biżżejjed biex setgħet tinjorah kompletament.

Sara ddrittat daharha, immaljat riġlejha u fetħet il-barżakka f'ħoġorha biex toħroġ minnha flixkun ilma jfexfex u bezzun mit-tlieta li kellha ppakkjati. Neħħiet il-fojl ta' wieħed minnhom, poġġietu fil-barżakka biex ma tħalli xejn warajha, u gidmitu. *Ummm*! *Tal-ġenn*! Ma' kull gidma għalqet għajnejha ħalli ttiegħmu aħjar. Niżlilha għasel. Minn taħt is-siġra setgħet tara l-bqija tal-għalqa taħtha. Fuq in-naħa l-oħra kien hemm razzett antik mitluq, bla bieb mal-ħnejja rieqda li tagħti għar-remissa. Għalkemm ir-razzett kien miftuħ għall-elementi, ma kienx jidher abbandunat għalkollox. Xi mkien fil-qrib semgħet żiemel jonfor u jonfor. Xi ħaġa donnha kienet qed iddejqu. Ħarset madwarha biex tara tilmħux, iżda ma ratux.

Hekk kif ħadet l-aħħar gidma mxappa fiż-żejt taż-żebbuġa u mħawra bin-nagħniegħ u merqtux u bdiet tomogħdu, rat il-lellux folt jinferaq ftit 'l isfel minnha u lemħet ħaġa sewdinija tiċċaqlaq. Dawret ħarsitha 'l hemm iżda ma setgħet tilmaħ xejn. *Forsi xi fenka. Jew far. Kieku kelb kien jinbaħli.* Kompliet titpaxxa bil-garni li kien hemm fil-qrib. Xtaqet kienet artista biex tkun tista' tpittru u tiċċelebra b'kuluri jgħajtu l-ħmura tal-għanqud boċċi ċkejknin ħomor fuq zokk lixx aħdar sukkulenti. *In-natura qatt ma tieqaf tissorprendini!* Minflok b'pittura kkuntentat ruħha b'ritratt diġitali.

L-għalqa kienet tassew iffullata bi speċi differenti ta' ħaxix selvaġġ jikkompeti ma' arbuxxelli u fjuri. F'tarf l-għalqa faċċata tagħha Sara nnutat ħarruba maestuża bi spazju kbir u delli taħtha. Fetħet il-flixkun kbir tal-ilma u legilget minnu sakemm imtliet. Malli għalqet it-tapp, semgħet bħal tħaxwix qalb il-lellux

quddiemha u reġgħet għarrxet madwar l-għalqa. Ma rat u semgħet xejn għajr liż-żiemel jonfor, lill-għasafar ipespsu u jinbxu lil xulxin fuq iz-zkuk folti tat-tina, u liż-żunżan iħuf qrib tagħha.

Hekk kif kienet qed toħroġ bezzun ieħor, minn taħt għajnejha lemħet xi ħaġa skura ttundjata tiċċaqlaq wara l-ħajt tas-sejjieħ fuq ix-xellug faċċata tagħha. Iffukat ħarsitha fuq dak il-post u ma ċċaqalqitx. Ftit minuti wara rat l-oġġett jogħla u minn taħtu feġġu par għajnejn xi ħadd taħt kask *camouflage* tal-militar. *Dak suldat moħbi hemm! X'qed jagħmel? Donnu qed jgħasses l-għalqa.* Bilfors li rani dieħla fl-għalqa. Rat lis-suldat iħares 'il fuq lejn il-bieb tal-għorfa tar-razzett u jagħmel sinjal b'subgħajh li ma fehmitx. Għalkemm l-għorfa fil-pjan ta' fuq kienet bla bieb, fid-dlam ta' ġewwa ma lemħet lil ħadd jiċċaqlaq. *Hemm xi suldat ieħor mistoħbi fir-razzett!*

Issa bdiet tgħarrex mad-dawra kollha tal-ħajt tas-sejjieħ li kien jiġbor fi ħdanu lir-razzett u l-għalqa. Ma' naħa oħra rat kask ta' suldat ieħor. *Hemm mill-anqas tliet suldati mistoħbija! Forsi qed jagħmlu xi manuvri? Forsi aħjar niżgiċċa minn hawn qabel ma nispiċċa maqbuda f'nofs manuvra.* Qagħdet tħammem jekk għandhiex tibqa' hemm jew le meta, eżattament quddiemha, ftit 'l isfel minnha, tfaċċaw par għajnejn kbar u suwed ileqqu minn qalb il-lellux.

Issummat għax la kien fenek u lanqas far. Għajnejn ir-raġel Afrikan nifdu lil tagħha mingħajr m'għamel l-ebda mossa jew ċaqliqa. Ma tħarrkitx. Lanqas li kieku riedet ma setgħet għax ġisimha bbies u qalbha bdiet tħabbat sitta sitta. *Ommi ma, x'se nagħmel?* F'ħoġorha kellha l-mowbajl mixgħul iħakkek mal-kamera diġitali ċkejkna.

Tgħid inċempel għall-ajjut?
Nilħaq?
Jew aħjar inwerżaq għall-għajnuna forsi l-eqreb suldat jilħaqni malajr?
X'għandi nagħmel?
X'suppost nagħmel?
Xi rrid nagħmel?

Għajnejn ir-raġel ma kinux għadhom immirati lejn tagħha iżda lejn il-bezzun fil-fojl f'idejha. Sara ma qalgħetx għajnejha minn fuq ir-raġel. Qalbha baqgħet

tħabbat. Ħadet nifs kbir wara l-ieħor biex tikkalma. Ħasset l-għaraq iqattar ma' daharha u jiżżerżaq lejn qaddha. Hekk kif ir-raġel reġa' ħares direttament lejha, għolliet il-bezzun u writhulu waqt li b'xengila ta' rasha staqsietu bla kliem jekk iridux. Ir-raġel mejjel rasu. Għajnejh xehdu li kien qiegħed jitliegħeb bħal kelb għal gidma.

Min jaf kemm ilu mistoħbi?
Min jaf minn xiex għadda?
Min jaf jekk ħarabx miċ-ċentru li għaddejt minn quddiemu?
Min jaf jekk hux perikoluż?
Min jaf minn xiex għadda f'pajjiżu?
Min jaf? Min jaf?
X'se tagħmel Sara?

Staqsiet lil dik il-parti tagħha nnifisha li kienet tafda ħafna għax pura. Ħarset lejn il-kaski taż-żewġ suldati li kienet lemħet. *Hemm għadhom! Għadhom ma lemħuhx!* Ħarset lejn dawk il-par għajnejn suwed hemm quddiemha qalb il-lellux. F'għajnejh ma lemħet l-ebda theddida. Fihom lemħet biss l-umanità tiegħu u mistoqsija kbira u siekta: *xi ddeċidejt?*

Ħadet nifs ieħor twil 'il ġewwa. Bil-mod il-mod ħarġet il-bezzun l-ieħor mill-barżakka, poġġietu taħt is-siġra flimkien ma' sieħbu li kien għadu f'ħoġorha, u serrħet il-flixkun ilma mas-siġra qrib il-bziezen. Imbagħad tefgħet il-mowbajl u l-kamera diġitali fil-barżakka, qamet, farfret il-frak u t-trab minn quddiem u mill-warrani, u ħarset għall-aħħar darba lejn il-ħlejqa hemm quddiemha. Tbissmitlu u bdiet timxi bil-qajla l-qajla biex ma tiġbidx attenzjoni żejda lejha u lejn il-post fejn kienet. Ftit wara xirfet 'il barra mill-għalqa kennija daqslikieku qatt ma kien ġara xejn.

Inti ġamra oħra ta' Alla Divin, xtaqet setgħet tgħidlu.